6 ta' Diċembru, 1948

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Arthur S. Mortimer, A. & C.E.

**Ċitazzjoni — Nullità — Ħsara tal-Gwerra — "Information" — "Schedule of Works" — Prova — Perizja — Art. 372 par. 2 u 646 tal-Kap. 12, u art. 75 tal-War Damage Ordinance 1943.**

*Iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ma hix ħlief mod ta' preżentazzjoni ta' l-imputat quddiem l-awtorità ġudizzjarja, meta ma hux indispensabili l-arrest. Dan hu l-karattru essenzjali taċ-ċitazzjoni; liema karattru ma jiġix nieqes bil-fatt li*

*Il-liġi trid illi ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi, barra mill-persuna mħarrka, anki, bejn-il-qasir imma fil-qosor, il-fattijiet tal-kawża, il-partikolaritajiet ta' żmien u ta' lok li huma meħtieġa jew li jkunu jistgħu jingħataw. B'mod li jekk iċ-ċitazzjoni tkun difettuża f'dawn il-partikolaritajiet ma jkunx hemm lok għan-nullità taċ-ċitazzjoni.*

*Ix-"schedule of works" li jibgħat lill-War Damage Commission il-perit imqabbad mis-sid tal-bini, u bħala "agent" tiegħu, hija "information" fis-sens ta' l-art. 75 tal-War Damage Ordinance, 1943; u jekk it-tagħrif kontenut f'dik ix-"schedule" huwa falz, dak il-perit ikun bati li ta lill-War Damage Commission tagħrif qarrieqi f'xi ħaġa importanti.*

*Il-prova tal-falsità għandha ssir mill-Prosekuzzjoni. Jekk din ma tipprovax li kien hemm xi ċirkustanza ta' fatt eskludenti l-ħsara tal-ġebbra u li kienet magħrufa mill-perit jew li huwa seta' jkun jaf biha bl-eżerċizzju tad-diliġenza meħtieġa, jew jekk dik il-prova tiġi deżunta mix-xorta tal-ħsara u din il-prova tkun fis-sens ta' opinjoni dibattibili, l-akkuża ma hix sostnuta.*

*In-nomina ta' esperti, f'materja teknika, tmiss biss lill-Qorti; u l-perizja "ex parte" ma hix ammessa bħala prova.*

*Fil-War Damage Ordinance ma hemm ebda dispożizzjoni li tawtorizza lill-Qorti li tinnomina bħala perit lil xi espert tad-Dipartiment interessat, bħal ma hemm f'xi liġijiet oħra.*

Dan hu appell ta' l-imputat minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fit-30 ta' Settembru 1948, li biha l-imsemmi Perit Arkitett Arthur S. Mortimer ġie misjub ħati talli ta lill-War Damage Commission dwar il-post nru. 47A, Victoria Avenue, tas-Sliema, bi traskuraġni kbira ("recklessness"), tagħrif li hu qarrieqi f'xi ħaġa importanti, u ġie kundannat għall-piena tal-multa ta' £40. L-appell mid-deċiżjoni jikkomprendi wkoll appell mad-digriet pronunzjat mill-Qorti ta' Isfel fit-13 ta' Settembru 1948, li bih ġiet respinta l-eċċezzjoni sollevata mill-imputat fis-sens li ċ-ċitazzjoni kienet nulla;

Dina l-Qorti ta' l-Appell, wara li semgħet il-provi..... .... irrifflettiet;

Dwar l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni;

*Id-difiża eċċepiet din n-nullità għar-raġuni minnha allegata*—kif jidher mill-verbal fol. 14—li ċ-ċitazzjoni mhix magħmula skond il-liġi;

Issa l-liġi relativa hi dik kontenuta fl-art. 372 para. 2 tal-Kap. 12. Dan jgħid hekk :— "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fattijiet ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jeħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw..........." Dan il-paragrafu kien ġie miżjud bl-art. 15 ta' l-Ordinanza IX tas-sena 1911, għaliex qabel, f'dak li kien allura l-art. 356 qabel ir-rinumerazzjoni tas-sena 1914, kien jingħad sempliċement dak li hemm fl-ewwel paragrafu, ċjoè illi, meta ma hemmx raġuni sufficjenti għall-arrest, il-Pulizija Eżekutiva għandha tħarrek lill imputat "b'ordni bil-miktub biex jidher quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja";

Issa ċ-ċitazzjoni odjerna hi konċepita hekk :— "Talli f'dawn l-aħħar sentejn tajt lill-Kummissjoni dwar Ħsarat tal-Gwerra, b'konnessjoni tal-bini nru. 47A, Victoria Avenue, Sliema, tagħrif li inti taf li hu qarrieqi f'xi ħaġa importanti, jew bi traskuraġni kbira tajt dan it-tagħrif li hu qarrieqi f'xi ħaġa importanti";

Qabel xejn, hu ta' assistenza f'din il-kwistjoni dak li qal l-Avukat tal-Kuruna fil-Kunsill tal-Gvern meta ġie diskuss l-art. 15 fuq imsemmi ta' l-Ordinanza IX ta' l-1911, li bih ġiet introdotta dina l-innovazzjoni dwar iċ-ċitazzjoni. Minn dawn ir-rimarki jidher ċar illi l-karattru essenzjali taċ-ċitazzjoni, ċjoè li ċ-ċitazzjoni ma hix ħlief mod ta' preżentazzjoni ta' l-imputat quddiem l-awtorità ġudizzjarja, meta ma hux indispensabili l-arrest, ma ġiex imbiddel bl-emenda, u lanqas kien hemm ebda intenzjoni mill-parti tal-leġislatur li tingħata liċ-ċitzzjoni forma solenni mhux konsistenti mal-karattru essenzjali tagħha. Infatti d-deputat tal-poplu Dr. Pullicino, fis-seduta tal Kunsill tal-Gvern tas-7 ta' Ġunju 1911 (Debates, Vol XXXV, pag. 1135) kien ippropona xi aġġunta fl-indikazzjonijiet taċ-ċitazzjoni, u allura l-Avukat tal-Kuruna ta' allura qal hekk :— "L'emendamento proposto dall'Onorevole membro del Primo Distretto ha per oggetto di parificare fino ad un certo punto la redazione della citazione con quella dell'atto di accusa". Kompla jitkellem f'dan il-pont fuq in-natura solenni ta' l-att ta' l-akkuża, u mbgħad qal :— "Ma non è così quando si tratta della citazione. La citazione nella sua essenza non è la intimazione di una imputazione. Il procedimento cui dà

luogo la citazione è un procedimento sommario diverso da quello che succede nella Corte Criminale di Sua Maestà. La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore. Solamente, siccome la citazione per legge non doveva consistere se non di un semplice ordine in iscritto, questo portava alle conseguenza di ritardi, di protilazioni nei procedimenti delle Corti Inferiori, perchè l'imputato, non conoscendo di che veniva accusato, aveva tutto il diritto e la necessità di domandare tempo per difendersi dopo aver sentito l'imputazione e le prove per parte della prosecuzione........... Secondo la legge attuale la citazione non è intesa ad essere altro che un ordine al contravventore di comparire innanzi alla Corte. Io credo che questo non è sufficiente, ed io ho pensato che sarebbe ragionevole di fornire al citato, in sin dal momento che egli riceve l'ordine di comparire in Corte, una informazione di ciò di cui egli è chiamato a rispondere...........";

Issa, fil-każ preżenti, mhix ċżatta l-osservazzjoni tad-difiża kollegjali ta' l-appellant illi fiċ-ċitazzjoni ma hemmx ħlief il-kliem tal-liġi. Fiċ-ċitazzjoni preżenti hemm żewġ espressjonijiet oħra minbarra l-kliem tal-liġi, li huma biżżejjed nrhux biss biex jissoddisfaw il-vot ta' l-art. 372 rettament interpretat, imma anki biex jorjentaw lill-imputat dwar dak li għalih kien qed jiġi msejjaħ biex jirrispondi, jiġifieri l-espressjoni "f'dawn l-aħħar sentejn" u l-espressjoni l-oħra "b'konnessjoni tal-bini nru. 47A, Victoria Avenue, Sliema". Hu ċar li b'dawn iż-żewġ espressjonijiet ġew mogħtija b'mod suffiċjenti, konsistentement mal-karattru essenzjali taċ-ċitazzjoni, il-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jsemmi l-art. 372 fuq ċitat. Kien ikun inkonsistenti ma' dak il-karattru essenzjali kieku fiċ-ċitazzjoni jiġu dettaljati l-informazzjonijiet (tagħrif) allegati mill-Prosekuzzjoni bħala kostitwenti vjolazzjoni tal-liġi. Dawk huma materja li tkun speċifikata fit-trattazzjoni;

Għandu jingħad, biex ma jkunx hemm lok għal ekwivoku, illi anki kieku dina l-Qorti kienet taħseb li hija difettuża ċ-ċitazzjoni (dak li l-Qorti ma taħsebx), ma kien ikun hemm qatt

lok għan-nullità invokata mid-difiża; għaliex hu ċar, mill-ispirtu nformatur ta' l-emenda, kif jidher mill-osservazzjonijiet ta' l-Avukat tal-Kuruna, fuq imsemmija, li, kif osserva l-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, predeċessur ta' l-Imħallef sedenti f'dina l-Qorti, fil-kawża "Pol. vs. Ashby", 12 ta' Awissu 1917, "le indicazioni ordinate coll'art. 360 delle Leggi Criminali riferentisi alla citazione non sono essenziali. La citazione è l'ordine della Polizia Esecutiva all'imputato di comparire in giudizio, essa non è che un modo di presentazione del giudicabile all'autorità giudiziaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale è lo scopo ed il carattere essenziale della citazione, 'punto modificato dalla innovazione legislativa della indicazione delle particolarità della incriminazione nell'atto di citazione'. Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di ciò di cui egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa"—interpretazzjoni dina perfettament konformi għal dak li ġie ritenut fil-Qrati Ingliżi u li hu importanti bħala gwida, minħabba l-fatt li ċ-ċitazzjoni fil-kriminal hi materja kupjata mis-sistema Ingliż: "No objections (ara Stone's Justices' Manual, p. 23, 1935 edit.) shall be taken or allowed to any such summons or warrant for any defence alleged therein in substance or in form, ............ but if any such variance shall appear to such Justice or Justices to be such that the party charged has been deceived or misled, it shall be lawful for such Justice or Justices, at the request of the party so charged, to adjourn the hearing of the case to some future date";

Anki jekk wieħed jieħu l-kliem tal-liġi ingliża—Criminal Justice Act 1925, fis-section 32—fejn tissemma ċ-ċitazzjoni, jista' jara illi hu biżżejjed li l-partikularitajiet imniżżla fiċ-ċitazzjoni jkunu tali illi l-imputat ikollu "reasonable information as to the nature of the charge";

Issa, f'dan il-każ, l-imputat kien talvolta jkollu raġun jilmenta (għalkemm qatt f'sens li jinvoka n-nullità taċ-ċitazzjoni) kieku f'dina ċ-ċitazzjoni ma kienx hemm ħlief li hu ta lill-War Damage Commission, dolożament jew bi traskuraġni kbira, tagħrif falz; imma ebda punt ma jista' jsir minnu għaladarba fiċ-ċitazzjoni hemm imsemmi l-perjodu li ma' tulu suppost

li sar ir-reat u l-fond li dwaru suppost li nghataw l-informazzjonijiet qarrieqa. B'dawk l-indikazzjonijiet l-imputat kellu "reasonable information as to the nature of the charge". "Reasonable" vwoldiri konsistenti man-natura sommarja tal-proċediment b'ċitazzjoni. Għalhekk l-appell mid-digriet tat-13 ta' Settembru 1948 mhux sostenibili, u l-pronunzja tal-Maġistrat dwar dak il-punt, għar-raġunijiet fuq ippsemmija, hi sewwa;

Fil-merita;

Irriflettiet;

Biex il-kwistjoni tiltiehem hemm bżonn li jiġu premessi dawn il-fatti. Fis-7 ta' Settembru 1943, Dr. Muscat u ħuh John Muscat ippreżentaw form no. 1 bħala notifika ta' ħsara tal-gwerra fil-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, nru. 47A, Victoria Avenue, Sliema, għall-finijiet ta' l-art. 34 tal-War Damage Ordinance, 1943. Taħt il-"heading" numru tmienja ("extent of damage"), għall-kliem "describe the damage briefly" irrispondew "damage to the woodwork and broken window panes". Fil-15 ta' Diċembru 1943........... l-istess Muscat ippreżentaw il form No. 2, li hi ntiża bħala "claim" għall-"payment". Fiha, taħt il-"heading" no. 2 "Particulars of work not yet done", u b'risposta għall-kliem "give a brief statement of such work as will be necessary", l-imsemmijin Muscat irrispondew "five large glasses, six medium-sized window panes, one damaged door, and some slight other damage to the woodwork". Fit-28 ta' Diċembru 1944 Dr. Muscat kiteb ittra lill-Commission fejn, fil-waqt li nkluda riċevuta ta' xi xogħol, qal:— "Now all the damage sustained by enemy action has been repaired, the total claim being £9. 18. 3". Però, meta mar jagħmel l-ispezzjon il-perit Xuereb bħala Consulting Architect tal-Commission, milli jidher lu osserva lil Dr. Muscat li kien hemm xi ħsara oħra; u allura Dr. Muscat għamel "post scriptum" fl-ittra, fejn qal:— "I regret having made the above statement, as some more repairs in the woodwork and whitewashing of rooms have still to be done". Sa hawn l-appellant ma daħal f'xejn. Imbagħad, aktar 'il quddiem, l-aħwa Muscat inkarikaw lill-appellant biex isewwi l-ħsara tal-gwerra, u l-appellant, fis-17 ta' Frar 1948, bagħat lill-Commission ix-"Schedule of Works" għar-rigward tal-fond fuq imsem-

mi, xi wħud bħala "works carried out", u xi wħud bħala "works to be carried out". Dina x-"schedule" fiha lista' ta' 73 "items" ta' xogħlijiet. Meta mar jikkonsulta l-Consulting Architect tal-Commission, il-perit Galea, dan iddiżapprova tnax (12) minn dawn l-"items"; u kwantu għar-"roof covering" bid-deffun, qal li r-rinnovament ("renewal") għandu jkun limitat għal fuq il-kamra "D", u li għall-bqija biżżejjed tiswija. Għalhekk sittin (60) baqgħu approvati skond dan il-perit u wieħed modifikat. Mar imbagħad jagħmel ispezzjoni oħra wieħed mill-periti arkitetti tal-Kummissjoni (il-perit Xuereb), u dan qabel mal-perit Galea; biss deherlu li r-"roof covering" bid-deffun tal-kamra "D" lanqas kellu jiġi rinnovat. Għalhekk anki dan il-perit ġie li approva sittin minn tlieta u sebgħin "items" ta' xogħlijiet fix-"schedule", avvolja Dr. Muscat kien iddikjara li l-ħsara tal-gwerra kollha kienet ġiet riparata;

Issa hu ndubitat il-prinċipju illi "nullum crimen sine lege", u l-ieħor illi l-azzjonijiet kriminali huma odjużi, u bħala tali ma jammettux interpretazzjoni estensiva, imma restrittiva. Hu xieraq għalhekk li tiġi eżaminata sewwa l-eċċezzjoni ta' l-appellant li l-art. 75 tal-War Damage Ordinance, 1943, li taħtu jinsab imputat, mhux applikabili għalih;

Dan l-artikolu, fil-parti tiegħu rilevanti għall-każ preżenti, jistabbilixxi l-materjalità tar-reat filli wieħed jagħti tagħrif ("information"). Għalhekk, minn barra l-indaġini jekk dan ittagħrif hux falz, u jekk kienx hemm f'dan il-każ ir-"recklessness" meħtieġa fl-ipotesi alternativa, hemm bżonn li qabel xejn jiġi eżaminat jekk dan il-każ hux il-każ ta' wieħed li "furnishes any information";

X'inhi "information" fis-sens ta' dan l-artikolu—mhux fis-sens ġenerali, imma fis-sens ta' dan l-artikolu—biex ikunu applikabili s-sanzjonijiet tiegħu? dan hu għal issa l-pont;

Hu prinċipju ta' ermenewtika li l-artikolu ta' liġi waħda "in uno eodemque volumine compilata unum ab alio debent recipere interpretationem". Issa l-art. 34 tal-liġi li tagħmel għal dan il-każ jagħti s-setgħa lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur li jagħmel regolamenti "dwar it-tagħrif li ġrat il-ħsara tal-gwerra lil xi art mibnija" (kliem tal-liġi), u "dwar kif għandhom isiru t-talbiet għall-ħlas taħt dina t-Taqsima ta'

dina l-Ordinanza u t-tagħrif li għandu jingħata biex tista' tigi mistħarrġa kull talba bħal dina..........." (kliem tal-ligi). Fil-fatt il-Gvernatur (ara G.N. 162 ta' l-1943) ħareġ dawn ir-regolamenti, u minnhom jidher li n-notifika tal-ħsara tal-gwerra għandha ssir fuq "form" appożita, u l-"claim" għall-ħlas ukoll fuq "form" oħra appożita (form 1 u form 2). Fl-ewwel waħda, it-tagħrif li jinteressa dan il-każ hu msemmi fl-ittra (2) (f) tar-regolament nru. 3 ta' l-imsemmija Government Notice, jigifieri "particulars as to the............cause and extent of the war damage", u fit-tieni form it-tagħrif li jinteressa dan il-każ hu dak taħt l-ittri (2) (a) u (c) ta' l-art. 5 ta' dawk ir-regolamenti, li jgħidu hekk; ċjoè, dak ta' l-ittra (a) "particulars as to the works executed, in respect of which the claim is made, and the cost thereof", u dak ta' l-ittra (c) "particulars as to any works not yet executed and necessary to reinstate the developed tenement in the form in which it was immediately before the war damage";

Kif ingħad, meta saret il-Form No. 1 f'dan il-każ, l-appellant ma kienx imdaħħal bl-ebda mod, u kien is-sid li wieġeb għad-domanda magħmula taħt in-numru 8 tal-Form "Extent of Damage", jigifieri" Describe the damage briefly". Meta saret il-Form No. 2, l-appellant lanqas kien imdaħħal, u kien is-sid li wieġeb għad-domanda li hemm fin-numru 2 tal-Form, taħt l-intestatura "Particulars of work not yet done", jigifieri "Give a brief description of such works as will be necessary", ċjoè, "to reinstate the damaged property in the form in which it was immediately before the damage";

L-appellant bagħat lill-Commission l-ittra u x-"schedule", Red 15 tal-File eżibit. Issa, għalkemm dina x-"schedule" mhix materjalment parti tal-Form No. 2, però, raġjonevolment, għandha titqies hekk; għaliex b'dik l-iattra u x-"schedule" saret amplifikazzjoni tar-risposta mogħtija mis-sid għad-domanda fin-numru 2 tal-Form No. 2, jigifieri dwar ix-xogħlijiet li kellhom isiru biex ikun hemm ir-"reinstatement" tal-fond. Minbarra dan, l-appellant, bħala perit inkarikat mis-sid, għandu jitqies bħala "agent" tas-sid, u r-regolament nru. 9 tal-Government Notice fuq imsemmija appuntu jippermetti li dak kollu li jridu r-regolamenti jsir minn "agent" tal-"claimant";

F'dan is-sens l-ittra u x-"schedule" għandhom jitqiesu bħala tagħrif ("information") għall-finijiet ta' l-art. 75 ta' l-Ordinanza. Il-punt l-ieħor hu issa jekk dan it-tagħrif kienx "false", għaliex jekk ma hux pruvat li kien "false", allura xejn ma jiswa li l-appellant ma ħax l-informazzjonijiet li seta' ħa, u ma tidħolx il-kwistjoni tar-"recklessness";

Issa l-partiti nkriminati bħala "false" huma dawk li hemm "overleaf" fir-Red 18 tal-File. Infatti l-perit Galea, mibgħut mill-Commission, iddeċieda li dawk l-"items" li hemm "overleaf" fir-Red 18 għandhom ikunu "disallowed". Dan il-perit kien approva r-"renewal of roof covering" bid-deffun fuq room "D" ta' l-ewwel pjan, imma qal li għall-bqija tiswijiet biżżejjed. Il-perit membru tal-Kummissjoni (perit Xuereb) qal li r-"renewal of roof covering" tar-room "D" għandu jiġi wkoll eskluż, għad li ma qalx jekk, minflok ir-"renewal", għandhiex issir tiswija bħal għall-oħrajn, għalkemm hekk għandu jiftiehem;

Issa, fl-apprezzament tal-provi, dina l-Qorti bi ħsiebha ssegwi dan il-prinċipju, li l-Qorti tirritjeni fondamentali "in subjecta materia". Jekk, f'imputazzjoni simili, il-Prosekuzzjoni tipprova, "bħala ċirkustanza ta' fatt", illi t-tali "item" ta' ħsara, denunzjat bħala ħsara tal-gwerra, kien kaġunat minn ħsara estranea għall-gwerra (per eżempju, illi t-tali ħġieġ inkiser mhux bil-gwerra, imma għax xeħtu xi ġebel it-tfal, jew illi t-tali bieb ta' barra ġie danneġġjat mhux bil-gwerra, imma għax daħal ċar ġo fih), u jekk il-Prosekuzzjoni tipprova wkoll li dik iċ-ċirkustanza ta' fatt, eskludenti l-ħsara tal-gwerra, kienet magħrufa mill-"claimant" jew mill-"agent" tiegħu, jew li dan seta', bl-eżerċizzju tad-diliġenza normali, jiġi għall-konjizzjoni tagħha, allura l-imputazzjoni tkun sostnuta. Similment, tkun ukoll sostnuta jekk il-prova tiġi deżunta mix-xorta tal-ħsara; imma hemm bżonn, f'każ simili, illi l-inferenza li ssir mix-xorta tal-ħsara tkun ċerta u univoka, u mhux materja ta' opinjoni, kontroversja jew dubju. Konversament, jekk ebda prova ma ssir mill-Prosekuzzjoni ta' ċirkustanza ta' fatt fis-sens premess, jew jekk il-prova deżunta mix-xorta tal-ħsara tkun f'sens biss ta' opinjoni dibattibili, allura l-imputazzjoni mhix sostnuta;

Meta wieħed jiġi għall-eżami dettaljat ta' dawn il-partiti kriminati in bażi għal dan il-prinċipju, u "juxta probata", ara dan li ġej :— 1. In kwantu għal dina l-kwistjoni tar-"roof övering", ebda prova ma nġiebet li tissoddisfa lill-Qorti li t-għrif dwar dik il-partita fix-"schedule" ta' l-appellant kien għrif falz. Hemm biss li l-perit Galea, fil-waqt li ma kkun-astax il-ħsara ..........; imma ma hemm xejn li jista' jip-erswadi lill Qorti, f'materja kriminali, li l-appellant kien qie-ħed traskuratament jasserixxi l-falz..........; 2. ..........; ........ ...; 4. ...........; 5. Jibqa' t-"tiling", li ġie eskluż mill-periti tal Commission. Issa, fuq dana l-"item", jew ahjar uq dawna l-"items" tat-"tiling", inkriminati mill-Prosekuz-joni, il-provi huma konfliġġenti, u tali li ma jistgħux jagħtu ffidament sufficjenti lill-Qorti. Infatti l-perit Galea.......... fela sa issa l-pożizzjoni hi : perit (l-appellant) li, bl-inklużjo-i ta' dan it-"tiling" fix-"schedule", qal li l-ħsara tal-madum ienet "war damage": perit ieħor (il-perit Galea) li qal li fl-pinjoni tiegħu ma deherlux li dik il-ħsara kienet "war dam-ge", imma ma eskludiex il-possibilità tal-kuntrarju; u perit eħor (il-perit Xuereb) li qal pożitivament li ma kienetx "war amage". It-tlieta ġġudikaw min-natura tal-ħsara. Minn kon-itt ta' opinjoni jew opinjoni kontroversa ma jiġix ir-reat ta' -art. 75;

In konnessjoni ma' dan il-pont lanqas hu ta' min jittras-ura l-konsiderazzjoni li ż-żewġ periti prodotti mill-Prosekuz-joni huma, wieħed inkarikat mill-War Damage Commission, l-ieħor membru ta' l-istess Kummissjoni, li hi l-parti denun-ti f'din il-kawża. Dan qed jingħad mhux tant f'sens ta' valorizzzzjoni tax-xhieda tagħhom minħabba prekonċetti, mma f'sens ta' inattendibilità tal-prova mill-punto di vista roċedurali. Infatti hu magħruf illi, skond it-test espress tal-ġi (art. 646 Kap. 12), meta, għar-rigward ta' kwistjonijiet ekniċi, ikun hemm bżonn ta' nomina ta' esperti, dawn għan-hom jiġu magħżula mill-Qorti. Il-perizja "ex parte" mhix mmissibili. Hekk, per eżempju, dina l-Qorti, kolleġjalment ostitwita, fil-ġurisdizzjoni tagħha ordinarja, enunċjat il-prin-ipju b'dawn il-kliem.......... "appartiene alla Corte di costi-tire perizie, e pertanto non sono ammissibili testimoni scelti alla prosecuzione o dalla difesa per esprimere opinioni........"

(ara "Rex vs. Giuseppe Gauci", 13 ta' Ġunju u 1 ta' Lulju 1911). Hekk ukoll, fl-istess kawża issa ċitata, b'digriet ieħor tat-12 ta' Diċembru 1911, meta l-akkużat talab li jeżibixxi xi fotografiji u mikrofotografiji kuntrarji għall-opinjoni ta' l-esperti ġudizzjarji, dina l-Qorti rrespinġiet it-talba fuq il-motiv "che tale domanda era virtualmente una domanda di perizia 'ex parte' per mezzo di persone non scelte dalla Corte",

Dina l-konsiderazzjoni takkwista forza meta wieħed jirrifletti illi fil-liġi li taħtha nġiebet l-imputazzjoni preżenti ma hemm ebda dispożizzjoni li tagħti l-fakoltà lill-Qorti li tinnomina, dwar materja teknika, perit tad-Dipartiment interessat, kif eċċezzjonalment hemm f'xi liġijiet oħra. Hekk, per eżempju, fil-"Food, Drugs and Drinking Water Ordinance", Kap. 54 Ediz. Riv., fl-art. 174, meta jeħtieġ eżami analitiku ta' oġġetti maqbuda, il-Qorti, fin-nomina ta' esperti tista' tagħżel, b'liġi, wieħed mill-analitiċi tad-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa interessat fil-proċediment, għalkemm, anki f'dan il-każ, il-liġi tkompli tgħid li l-Qorti tista' tinnomina espert ieħor biex jagħti opinjoni dwar il-fehma ta' l-analitku tad-Dipartiment. Fil-"War Damage Ordinance" ma hemm ebda dispożizzjoni f'dan is-sens, u kwindi r-regola li l-perizji għandhom ikunu nominati mill-Qorti minn elementi ndipendenti għandha jkollha l-forza tagħha;

*Omissis;*

Konsegwentement, ġà la darba ma ġiex suffiċjentement pruvat li t-tagħrif inkriminat kien falz, ma hemmx lok li tiġi ndagata l-kwistjoni tar-"recklessness"; għaliex altru li perit, kieku eżerċita aktar diliġenza (billi ħa aktar informazzjonijiet, jew billi wera x-"schedule" lis-sid qabel ma bagħatha), seta' esprima opinjoni aktar attendibili, u altru li hu jasserixxi ħaġa li tkun mhux biss profesjonalment żbaljata, imma falza;

Mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti (u l-Qrati jiddeċidu "juxta probata") ma hemmx biżżejjed biex wieħed jgħid li, kieku l-appellant ħa informazzjonijiet oħra, jew li kieku kellem lis-sid qabel ma bagħat ix-"schedule", allura kien ikun jista' jaf li l ħsara ma kienetx ħsara tal-gwerra. Presumibilment, kieku kellem lis-sid, kien jibqa' fl-istess stat li juru l-provi, jiġifieri li fl-aħħar mill-aħħar kien ikollu joqgħod fuq dak li seta' jiġġudika mill-istat tal-post. Jekk iġġudika ħażin,

kwistjoni ta' opinjoni, imma mhux reat. Divers kien ikun ...raż kieku s-sid jew l-inkwilin xehdu (dak li ma għamlux), ...ala ċirkustanza ta' fatt, illi l-maduma kien danneġġjat bl-użu ...-żmien, u mhux bil-gwerra; għaliex dik kienet tkun ċirku-...nza li l-appellant seta' jkun jaf biha, u jekk ma fittexx li ...n jafha, kien ikun "reckless" fis-sens ta' dina l-kelma kif ...terpretata fis-sentenza "Pulizija vs. Vassallo", App. Krim. ... 7. 1945. Imma ħadd ma xehed f'dan is-sens, u għalhekk ...llox baqa' kwistjoni ta' opinjoni teknika dibattibili;

Għal dawn il-motivi;

Dina l-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddi-...ara l-appellant mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.